Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **18 ta' Novembru 2021**

**Masterclass ta' Heritage Malta tesplora l-evoluzzjoni artistika ta' Giuseppe Calì**

Fl-1 ta' Diċembru f'MUŻA, Dr Mark Sagona se jmexxi masterclass dwar l-evoluzzjoni tal-arti ta' Giuseppe Calí. Il-masterclass qed tiġi organizzata minn Heritage Malta bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta.

Bl-isem 'Art Up Close: Giuseppe Calì (1846-1930): Romanticism between verismo and the eclectic', il-masterclass se tiffoka fuq il-karattru u l-kuntest tax-xogħlijiet ta' Calì fil-mixja tagħhom mill-verismo Naplitan, għall-pitturi ta' Paul Delaroche (1787-1856), u l-ħlewwa tax-xogħlijiet ta' Pietro Gagliardi (1809-1890) f'Malta, id f'id mal-bidla lejn il-qawmien Barokk.

Imwieled f'Malta minn ġenituri Taljani, Giuseppe Calì ddomina x-xena tal-arti f'Malta bejn l-1880 u l-1920. Kien artist ta' talent kbir, partikolarment fl-espressjoni, fin-narrattiva u fil-ħeffa biex jitlesta x-xogħol. Huwa mar jistudja f'Napli, fejn membri tal-familja tiegħu kienu magħrufa ħafna.

Giuseppe Calì kien tabilħaqq prodott ta' żmienu. Napli influwenzatu mhux ftit, speċjalment ix-xogħlijiet ta' Giuseppe Mancinelli (1813-75), Filippo Palizzi (1818-99) u fuq kollox dawk ta' Domenico Morelli (1823-1901). Mogħni b'din l-influwenza mżewqa, ma setax jonqos li lura Malta jittrasforma x-xena artistika lokali.

Wara l-preżentazzjoni minn Dr Sagona, dawk li se jattendu għal din il-masterclass se jiddawru ma' MUŻA biex jaraw ix-xogħlijiet ta' Calì u jiddiskutuhom fil-kuntest storiku u artistiku tagħhom kif ukoll in-narrattiva tagħhom fi ħdan MUŻA stess.

Il-masterclass għandha tul ta' siegħa u tibda fis-18.30. Id-dħul huwa b'xejn iżda wieħed għandu jirriserva postu minn qabel fi kwalunkwe sit jew mużew ta' Heritage Malta jew billi jibgħat email fuq info@heritagemalta.org.

Kull min jattendi jrid jilbes maskra u jirrispetta l-miżuri tad-distanza soċjali.